**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 26 ta' Gunju 2023**

**Rikors Numru: 245/2022/1MLF**

**Fl-atti tar-rikors numru 245/2022/1MLF fl-ismijiet:**
**Remigio Farrugia I.D 630449(M) f'ismu propju u f'isem hutu Joseph Farrugia passaport Awstraljan numru 837504, Mary Rose Scerri I.D. 495153(M) u Marion Caruana I.D.472362(M)**

**vs**

**Sean Cassar I.D. 35084(G) qua eredi tal-mejjet Edward Cassar I.D.213353(M)**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ta' Remigio Farrugia I.D. 630449(M0 f'ismu propju u f'isem hutu Joseph Farrugia, Mary Rose Scerri u Marion Caruana, fejn esponew:

    1. Illi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Settembru tas-sena elfejn u hmistax (2015), ir-rikorrenti f'ismu propju u f'isem hutu, ipprezenta ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li permezz taghha, huwa talab minghand

Edward Cassar li kellu l-karta tal-identita bin-numru 213353(M), hlas ta' hames snin cens impost fuq plots numru wiehed (1), tnejn (2), tmienja (8) u tlettax (13), li jinsabu z-Zonqor limiti ta' Wied il-Ghajn, Malta. Kopja ta' din l-ittra giet annessa mar-rikors promotur u mmarkata bhala Dok A

2. Illi din l-ittra ufficjali ma gietx kontestata u ghalhekk ghandha l-effett ta' gudikat

3. Illi r-rikorrenti pprezenta mandat ta' sekwestru bin-numru 80/2016, liema mandate gie milqugh minn din il-Qorti fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u sittax (2016). Kopja ta' dan il-mandat giet annessa mar-rikors promotur u mmarkata Dok B

4. Illi permezz ta' tlett (3) cedoli ta' depozitu pprezentati mill-banek Bank of Valletta plc u HSBC Bank (Malta) plc ipprezentati fit-22 ta' Frar tas-sena 2018, fit-22 ta' Novembru 2018 u fis-6 ta' Mejju 2020 rispettivament, is-sekwestratarji ddepozitaw is-somma ta' elfejn, mija u erbgha u disghin euro u tmienja u erbghin centezmu (€2,194.48) taht l-awtorita ta' din il-Qorti. Kopji ta' dawn ic-cedoli gew annessi mar-rikors promotur u mmarkati Dok C, Dok D u Dok E

5. Illi r-rikorrenti jikkonferma li dan il-hlas ghadu dovut mill-intimat

6. Illi l-imsemmi Edward Cassar miet fl-20 ta' Marzu tas-sena 2019 u fl-1 ta' Novembru tas-sena 2022, ir-rikorrenti pprezenta rikors, sabiex jitlob l-ezekuzzjoni tal-ittra ufficjali pprezentata fl-24 ta' Settembru tas-sena 2015 u dan ai termini tal-Artikoli 258 u 259 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta

7. Illi permezz ta' digriet data 7 ta' Novembru tas-sena 2022, din il-Qorti ddecidiet illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors u dan peress illi t-testment tal-imsemmi Edward Cassar tal-1 ta' Frar tas-sena 2019, li permezz tieghu nnomina lil ibnu Sean Cassar bhala l-eredi universali tieghu, jidher li ma giex insinwat u dan peress illi ma jirrizultax mir-ricerka testamentarja pubblika

8. Illi r-rikorrent kkomunika mad-Dipartiment tar-ricerki ta' Identity Malta u rrizulta illi dan it-testment ma rrizultax fir-ricerka peress illi bi zvista l-kunjom ta' omm Edward Cassar fin-nota tal-insinwa gie ndikat bhala Jane nee' Cassar. Fit-testment

datat 1 ta' Frar tas-sena 2019, gie ndikat bhala Jane nee' Mifsud, filwaqt illi kunjom ommu hekk kif irregistrat fuq il-karta tal-identita huwa ndikat bhala Jane nee' Mifsud Ellul. Kopja tar-ricerka pubblika u tat-testment jinsabu annessi u mmarkati bhala Dok F u Dok G

9. Illi r-rikorrenti kkomunika man-Nutar Sean Critien peress illi t-testment in kwistjoni jinsab fl-atti tieghu u gie nfurmat illi peress li l-imsemmi Edward Cassar llum jinsab mejjet, mhux permissibbli illi ssir korrezzjoni fit-testment tieghu. Min naha l-ohra fl-eventwalita li ssir korezzjoni fin-nota tal-insinwa biss, il-kunjom ta' omm il-mejjet Edward Cassar, xorta wahda mhux ser jaqbel mal-kunjom indikat fit-testment

10. Illi minhabba dan l-izball r-rikorrenti ma jistax jigi awtorizzat sabiex jizbanka c-cedoli imsemmijin iktar l'fuq u ghalhekk ikun xieraq illi dan ir-rikors jigu appuntat ghas-smiegh sabiex in-nutar kkoncernat jikkonferma dan l-istat ta' fatt bil-gurament

Ghaldaqstant in vista tas-suespost r-rikorrenti talab li l-Qorti joghgobha tappunta dan ir-rikors ghas-smiegh, taht dawk il-provvedimenti kollha illi din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni

2. Rat ir-risposta tal-intimat Sean Cassar fejn espona:

Illi l-intimat gie notifikat b'rikors li bih ir-rikorrenti talbu li r-rikors ta' zbank taghhom jigi appuntata ghas-smigh, sabiex jinstema n-Nutar Sean Critien, li jkun jista jikkonferma illi l-esponenti huwa l-eredi ta' Edward Cassar.  L-intimat m'ghandux oggezzjoni ghal dan u min-naha tieghu jikkonferma illi huwa tassew l-eredi ta' Edward Cassar

Illi fir-rigward tat-talba originali ghal zbank, l-intimat lanqas jopponi ghal tali zbank u jirrimetti ruhu ghad-decizjoni eventwali tal-Qorti

Ikkunsidrat

3. Li l-intimat Sean Cassar iddikjara li hu l-eredi ta' Edward Cassar u li m'ghandux oggezzjoni ghall-izbank tac-cedoli in kwistjoni

4. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta u tiddeciedi billi tawtorizza lir-rikorrenti jizbankaw ic-cedoli ta' depozitu pprezentati mill-Bank of Valletta p.l.c. bin-numru 442/18 ipprezentata fit-22 ta' Frar 2018 u c-cedola bin-numru 2590/18 ipprezentata fit-22 ta' Novembru 2018 kif ukoll ic-cedola ta' depozitu pprezentata mill-HSBC Bank Malta p.l.c. bin-numru 750/2020 ipprezentata fis-6 ta' Mejju 2020

Magistrat

Doreen Pickard
Deputat Registratur